**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-19 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 196/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**JB in rappreżentanza ta' AFB**

**Vs**

**WF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JB in rapreżentanza ta' AFB ai termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili datat 22 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Il-partijiet iżżewġu fiż-17 ta' Ottubru tas-sena 1992 (elf disa' mijja, tnejn u disgħin) u minn dan iż-żwieġ twieled R f'X u C li twieled f'Y. Illum iż-żewġ ulied laħqu l-età maġġorenni. Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ huwa anness u immarkat bħala Dok 'A', filwaqt li ċertifikat tat-twelid tal-minuri R u C aħwa F, huma annessi u immarkati bħala Dok 'B' u 'C' rispettivament. Illum iż-żewġ ulied ma għandhomx minuri għandhom l-eta' ta' 26 u 24 rispettivament.*

2. *Illi mill-imsemmija data taż-żwieġ tagħhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta).*

3. *Il-partijiet konjugi, ossija, ir-rikorrenti AFB u l-intimat WF ilhom madwar*

*għaxar (10) snin de facto separati, imma minkejja dan il-kommunjoni tal-akkwisti xorta waħda għada vigenti bejn il-partijiet.*

4. *Illi għalkemm il-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2010, sal-ġurnata tallum għad ma hemmx kuntratt ta' separazzjoni jew inkella deċiżjoni mill-Qorti li tippronunzja il-partijiet bħala separati.*

5. *Illi sabiex l-ebda parti ma tippreġudika lil parti l-oħra matul il-proċess tas-separazzjoni kif ukoll sabiex kull parti tkun tista' terġa tibni ħajjitha b'mod indipendentement, huwa importanti li l-partijiet ma jibqgħux marbutin bil-komunjoni. Dan mingħajr kull preġudizzju għas-sehem ta' kull parti mill-komunjoni eżistenti bejn il-partijiet, sakemm din tiġi hekk likwidata.*

6. *Illi l-esponenti għalhekk ser titlob għal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta), b'dan illi kif ser jirriżulta, m'hu ser jinħoloq l-ebda' preġudizzju għall-konvenut.*

*Għaldaqstant in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;*
2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' WF datata 4 ta' Novembru 2021, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-kawza fil-bidu taghha, u fil-fatt l-ewwel seduta tinsab skedata ghat-22 ta' Novembru 2021 u konsegwentement il-gbir tal-provi fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti lanqas ghadu beda;*

2. *Illi għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex quddiemha prova cara u inekwivoka tal-komunjoni tal-akkwisti; bir-rispett jingħad li din il-Qorti ma tistax tgħaddi sabiex tagħti provvediment għax ma hem ebda prova fil-process;*

3. *Illi l-esponenti għandu oggezzjoni wkoll għat-talba ta' martu għaliex din qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali u telqet minn Malta ftit iktar minn tnax-il sena ilu u minn dak in-nhar 'l quddiem ma kienx hemm komunikazzjoni fil-process;*

4. *Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, u b'zieda mal-istess jingħad ukoll, illi kemm-il darba tigi xolta l-kommunjoni jista jkun hemm diffikulta għal kwalsiasi ħlas li dina l-Onorabbli Qorti tista takkorda favur l-esponenti, fi krediti kemm għall-benefikati parafernali kif ukoll għall-krediti konsegwenti t-tortijiet, li certament ser jigu attribwibbli lill-attrici u dan għaliex bħalma ben tgħallimna din l-Onorabbli Qorti, entitajiet oħra, bħal banek dejjem jikklassifikaw qabel il-konjugi f'kas ta' irkupru ta' flus;*

5. *Illi għaldaqstant qabel tigi milqugħa t-talba tal-attrici għax-xoljiment tal-komunjoni, irid:*

   a) *Jigi kkwantifikat ezatt x'assi hemm u m'hemmx fil-komunjoni.*
   b) *Jigu vvalutati l-proprjetajiet tal-istess komunjoni.*
   c) *Jigi determinat id-dħul kollu tal-komunjoni li bħalissa, fil-maggor parti, qed jigi ppercepit esklussivament mill-intimat;*
   d) *Jigi ikkwantifikat x'dejn għandhom l-partijiet u x'jeħtieg li jigi mħallas.*

*U dan l-għaliex fin-nuqqas, l-esponenti mhux ser ikun f'posizzjoni li jikkawtela l-posizzjoni legali tiegħu u kwindi jasal biex issofri irrimedjabbli, liema pregudizzju ser ikun ikbar fuq l-esponenti milli fuq l-attrici.*

*Tant għandu x'jissottometti l-esponenti a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li jopponi għat-talba kif dedotta mill-attrici fir-rikors tagħha tat-22 ta' Ottubru 2021 u dan anke ai temrini tal-artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza in parte wara talba maghmula mill-attrici permezz ta' rikors datat 22 ta' Ottubru 2021 fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attrici u l-konvenut u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, ‘l quddiem, ikun jista’ jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***“...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista’ jkun ta’ ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga’ dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici”.***

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut jirrileva illi l-gbir tal-provi fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghadu ma bediex, b’dana illi din il-Qorti m’ghandhiex quddiema prova cara u inekwivoka ta’ dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Izid illi kemm – il darba dina tigi xolta, jista’ jkun hemm diffikulta’ ghal kwalsiasi hlas li dina l-Onorabbli Qorti tista’ takkorda favur l-istess intimat fi krediti u ghall-benefikati.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: ***Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell***[1] fejn intqal:

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Ottubru 2015.

***"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le.***

***Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***

***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat. Dana gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Jael Cassar vs Robert Cassar.***[2]

Di piu' kif ritenut mill-Qorti tal-Appell:

***l-pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova ibcumbit ei qui dicit non ei qui negat***[3]***.***

Applikati l-principji legali u il-gurisprudenza fuq indikata, din il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-attur humiex:

---

[2] Deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it- 3/12/2013 212/2019/2 RGM.
[3] Vide **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015.

1. **Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u**
2. **Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qed titlob l-attrici huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:

> *Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni* ***anke jekk ad isaputa tal-attrici.*** [4]

Il-Qorti rat illi l-konvenut qieghed joggezzjona stante li fi kliemu: ***"…jista jkun hemm diffikulta ghal kwalsiasi hlas li dina l-Onorabbli Qorti tista takkorda favur l-esponenti, fi krediti kemm ghall-benefikati parafernali kif ukoll ghall-krediti…"*** Din il-Qorti tosserva illi gialadarba l-intimat kien il-persuna li effettivament kienet qieghda tirrisjedi fid-dar matrimonjali, ghandu a dispozizzjoni tieghu l-informazzjoni kollha necessarja fir-rigward ta' krediti jew benefikati li dwarhom qieghed jishaq. Gja ladarba huwa l-intimat stess li ghandu a disposizzjoni tieghu tali informazzjoni, din il-Qorti ma tistax tara kif dan jista' jirrekka pregudizzju lill-intimat. Illi bl-istess mod l-intimat ser ikollu l-opportunita' li jharrek dawk ix-xhieda, li fil-fehma tieghu, huma essenzjali sabiex jaccerta ruhhu dwar l –assi ta u id-dhul generat mill-attrici tul dawn l-ahhar ghaxar snin. Il-Qorti tfakkar illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tirreferi ghal-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni, b'dana illi dak li jifforma parti mill-komunjoni sad-data ta' tali pronunzjament ser ikun ikkonsidrat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attrici *in toto* u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai**

---

[4] Vide **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** supra.

**termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez attrici.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**